MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Numru. 215/1999

**Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Joseph Bartolo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Joseph Bartolo ta’ 48 sena, iben Fidiel u Saveria nee’ Seychell, imwieled Gudja fis-27 ta’ Mejju 1950 u residenti f’numru 3, Alley 6, Main Street, Gudja gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-12 ta’ Settembru 1998, waqt li kien il-Fgura, ghal habta tas-2.30pm, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe vettura bin-numru tar-Registrazzjoni AAP-936 liema hsara li tiskorri il-valur ta’ hamsin lira Maltija (Lm50) imma mhux il-valur ta’

hames mitt lira Maltija (Lm500) saret ghad-dannu ta' Charles Azzopardi mill-Fgura:

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal persuni ta' Lawrence Azzopardi u ibnu Charles Azzopardi, it-tnejn mill-Fgura u ikkagunalhom feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. M. Mallia tal-Poliklinika ta' Rahal il-Gdid;

Fl-ahharnett talli nhar il-10 ta' Settembru 1998, waqt li kien il-Fgura volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' il-bieb tar-residenza ta' Lawrence Azzopardi mill-Fgura, liema hsara li ma tiskorrix il-valur ta' hamsin lira Maltija (Lm50) saret ghad-dannu ta' Lawrence Azzopardi mill-Fgura.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta' Marzu, 1998 (esebit *a folio* 4 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2000 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz odjern jirrigwardaw zewg incidenti li sehhew wiehed fl-10 ta' Settembru 1998 u l-iehor fit-12 ta' Settembru 1998 fejn allegatament giet kawzata hsara volontarja mill-imputat fuq il-bieb ta' barra tar-residenza tal-parti civili Lawrence Azzopardi liema hsara ma kinitx tammonta ghall-aktar minn Lm50 kif ukoll hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAP 936 liema hsara ma kinitx tiskorri l-Lm500 kif ukoll gew kagunati

griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta Lawrence Azzopardi u ta’ ibnu Charles Azzopardi.

Mill-provi rrizulta li l-parti civili Lawrence Azzopardi kien issellef xi flus minghand l-imputat u ma kienx qed ikun regolari fil-pagamenti u ghalhekk l-imputat kien qed jigri warajh sabiex isiru l-hlasijiet. Fl-incident tal-10 ta’ Settembru 1998 l-imputat mar id-dar ta’ Azzopardi sabiex jitlob il-pagamenti u nqala’ argument bejniethom fejn l-imputat intalab jitlaq il-barra mir-residenza ta’ Azzopardi. Lawrence Azzopardi meta xehed quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali fejn il-Process Verbal relattiv jinsab inserit a fol. 53 et sequitur tal-atti processwali spjega li fl-10 ta’ Settembru 1998 l-imputat beda’ jsabbat fuq il-bieb ta’ barra ghal hin twil u kkaguna hsara liema hsara giet kwantifikata fl-ammont ta’ Lm14 mill-espert tekniku William Cassar Torreggiani. Wara li sar rapport lil Pulizija dwar dan l-incident minn Lawrence Azzopardi u l-Pulizija baghtu ghall-imputat sabiex ikellmuh, sar inkontru bejn Azzopardi u l-istess imputat fl-Ghassa fejn l-imputat beda’ jinsisti li Azzopardi jmur mieghu ghand Nutar u meta l-imputat hareg mill-Ghassa huwa baqa’ barra jistenna lil Azzopardi. Dan tal-ahhar jghid li huwa beza’ u cempel lil ibnu sabiex jghaddi ghalih u meta huwa u ibnu hargu mill-Ghassa u kienu ghaddejjin bil-vettura taghhom f’Bastion Street, il-Fgura sabu lill-imputat jistennihom flimkien ma tnejn min-nies ohra, li wara rrizulta li kienu iben l-imputat Lauro u n-neputi Consiglio Bartolo, u l-imputat aggredihom waqt li kienu fil-vettura u kkagunalhom griehi ta’ natura hafifa u kkawza hsara fil-windscreen u l-bonnet tal-vettura ta’ Charles Azzopardi. L-imputat kemm meta xehed quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-15 ta’ Dicembru 2011 kif ukoll meta xehed quddiem l-espert tekniku nominat fl-Inkjesta Magisterjali sostna li l-hsara li giet kagunata fil-vettura ta’ Charles Azzopardi giet kagunata b’mod ghal kollox involontarju u minhabba li huwa beza’ meta sema’ lil ibnu jghidlu li Richard Azzopardi, iben Lawrence Azzopardi li wasal fuq il-post waqt li huwa kien qed jitkellem ma Lawrence Azzopardi, kellu xi haga f’idejh u hu sema’ hoss ta’ zewg sparaturi u ghalhekk inqaleb fuq il-windscreen u l-bonnet tal-vann ta’ Azzopardi u kkaguna l-hsara. L-

imputat jghid ukoll li Lawrence Azzopardi kien attakkah bi flixkun mimli tal-Coca Cola meta huwa kien ghaddej minn Bastion Street. Dwar l-incident tal-10 ta’ Settembru 1998 l-imputat jghid li huwa habbat fuq il-bieb izda ma kkagunax hsara.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti pjuttost konfliggenti, u cioe’ dik moghtija mill-familja Azzopardi min-naha l-wahda u dik moghtija mill-imputat u ibnu min-naha l-ohra. Huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza taghna li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja u fil-kaz odjern il-Qorti tinsab konvinta li l-verzjoni veritjiera hija dik moghtija minn Lawrence Azzopardi u ibnu Charles Azzopardi. Apparti l-fatt li l-verzjoni taghhom hija korroborata minn provi indizjarji fejn gie pruvat li huma sofrew griehi ta’ natura hafifa u giet riskontrata fil-vettura mill-espert tekniku, l-Qorti kellha dubji serji dwar il-kredibilita’ tal-imputat u l-istorja rokkamboleska dwar kif huwa spicca sabiex ikkawza l-hsara fuq il-vettura ta’ Azzopardi. Il-Qorti ghandha dubji serji kemm effettivament gew sparati xi tiri kif qed jallega l-imputat sabiex jiggustifika l-agir tieghu u dan jinghad ghaliex ma nstab xejn mill-Pulizija fuq ix-xena tad-delitt li jindika li setghu gew sparati xi tiri. Inoltre meta xehed Consiglio Bartolo, in-neputi tal-imputat, waqt l-udjenza tas-27 ta’ Novembru 2009 huwa ma semma assolutament xejn dwar sparatorji jew li kien ra xi armi fil-pussess ta Richard Azzopardi.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet kollha minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat kemm l-eta’ avvanzata tal-imputat illum il-gurnata kif ukoll it-trapass konsiderevoli ta’ zmien mid-data tal-incident sakemm din il-kawza qed tigi efftetivament deciza, liema trapass ta’ zmien huwa imputabbli in gran parti lil Prosekuzzjoni li damet zmien twil hafna sabiex tikkonkludi l-provi, u fic-

cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 325(1) (b) u (c) u 221 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------